MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 89/2009/1

**Mark Theuma**

**v.**

**Emanuel u Jane konjugi Vella**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta Jane Vella [l-appellanti] minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-5 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talbiet tal-attur fil-konfront taz-zewg konvenuti u kkundannathom ihallsu s-somma ta' €67,500 flimkien ma' l-imghax tat-8% b'effett mid-dati stabbiliti fl-iskritturi rispettivi tal-24 ta' Ottubru u l-10 ta' Dicembru tas-sena 2008, sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

2. Fir-rikors tal-appell taghha l-appellanti, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-konfront tal-konvenut Emanuel Vella, thassarha fejn iddikjarat li anke l-appellanti hi debitrici tal-attur u kkundannatha flimkien ma' zewgha biex taghmel tajjeb ghall-hlas tas-somma mitluba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

3. Min-naha tieghu l-appellat, ghar-ragunijiet indikati minnu fir-risposta tieghu, talab li l-appell jigi michud u s-sentenza tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**__Il-Fatti__**

4. Fis-succint il-fatti relevanti huma dawn.

5. Permezz ta’ zewg skritturi privati li jgibu d-dati fuq indikati, l-appellat kien silef lill-konvenut Emanuel Vella l-ammont ta’ €55,500 u l-ammont ta’ €20,600 *“for his own personal use”*.[1] L-ammonti mislufa mill-appellat kellhom jigu rifuzi lilu mill-konvenut fid-dati indikati fl-iskritturi bid-dekorrenza tal-imghax tat-8% f’kaz li l-istess konvenut jonqos minn dan l-obbligu tieghu skont l-iskritturi relattivi.

6. Fit-tieni skrittura, u cioe` dik tal-10 ta’ Dicembru 2008 il-partijiet ftiehmu wkoll li, fil-kaz li l-konvenut jonqos mill-obbligu tieghu li jrrestitwixxi l-ammonti mislufa lilu fil-perjodi stipulati fl-iskritturi, jew inkella fuq talba ta’ xi parti, huma jinkorporaw -

> “….this present private writing and the agreement between the same parties dated 24th October 2008 in a public deed and bind themselves to appear on the relative notarized deed whereby the debtor together with his wife further agree to hypothecate their immovable property in warranty of the above….”[2].

7. L-appellanti ma dehritx fuq dawn l-iskritturi u ssostni li lanqas biss kienet taf bihom. Tghid: “Lanqas qatt ma tajt il-kunsens tieghi biex zewgi jissellef dawn il-flus u dawn il-flus jiena qatt ma rajthom b’ghajnejja”. Tghid ukoll li kienet saret taf bl-iskritturi meta bdiet tircievi l-ittri legali minghand l-appellat.[3] Din ix-xhieda ma tinsabx kontradetta b’ebda prova.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

---

[1] Fol. 6 - 7
[2] Fol. 7
[3] Fol. 26

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed ifittex li jitħallas mingħand il-konvenuti ta' somma flus li huwa sellifhom f'okkażżjonijiet differenti u li ġew rikonoxxuti mill-konvenut permezz taż-żewġ skritturi privati ndikati fir-Rikors, u ċioe' waħda tal-24 ta' Ottubru 2008,[4] u l-oħra tal-10 ta' Diċembru 2008. [5]

"Kif ġia ngħad, il-konvenut baqa' kontumaċi. Imma martu l-konvenuta l-oħra tikkontesta t-talba safejn hija diretta kontriha wkoll, billi dan is-self u l-iskritturi msemmija allegatament saru mingħajr il-kunsens tagħha, bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha, ġialadarba dawn saru meta hija u l-konvenut kienu ġia miżżewġin.[6]

"Skont l-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili tagħna hemm ċerti atti ta' amministrazzjoni ta' beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn koppja miżżewġa, li jitqiesu bħala atti straordinarji, li jenħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet biex ikunu jistgħu isiru. Fost dawn is-sub-inċiż (f) tal-paragrafu (3) ta' dan l-artikolu jsemmi is-self ta' flus.

Jirriżulta mill-istess skritturi ta' self u anke mill-provi l-oħra prodotti, illi l-konvenuta ma pparteċipatx bl-ebda mod fis-self li ngħata mill-attur lill-konvenut, anzi l-istess konvenuta ssostni bil-qawwa kollha li hija qatt ma ġiet informata minn żewġha li kien ser jagħmel dan is-self. Il-konvenuta għalhekk tippretendi illi hi m'għandhiex tagħmel tajjeb b'seħemha mill-komunjoni tal-akkwisti għad-dejn kuntrattat minn żewġha waħdu.

"L-artikolu 1326 (1) Kap. 16 jikkontempla l-każijiet fejn l-atti magħmula minn waħda mill-partijiet miżżewġa mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jiġu annullati. Dan jista' jsir biss meta dawn l-atti jkunu dwar "***it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta` immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjeta` mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu***." Imma fil-każ in eżami ma tesiżti ebda waħda miċ-ċirkostanzi hawn kontemplati. Għalhekk, għalkemm il-konvenuta fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha tagħmel talba biex din il-Qorti tissoprasjedi, ħalli hija jkollha l-opportunita' tattakka b'kawża *ad hoc* dan is-self, din it-talba ma tistax tiġi milqugħha, billi s-subartikolu hawn ċitat ma jistax ikun applikabbli.

"L-unika rimedju li jibqgħalha l-konvenuta, imma mhux fil-kawża preżenti, huwa riservat għaliha bis-sub-inċiż (5) tal-istess artikolu, li jippermettilha tieħu azzjoni kontra żewġha biex iġġiegħlu jirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, billi jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet minħabba dan is-self li għamel.

---

[4] Dok. A a fol. 6 tal-process.
[5] Dok. B a fol. 7 tal-process.
[6] ara kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-konvenuti a fol. 37.

> "Mill-bqija, ġialadarba l-istess konvenuta ma ressqet ebda provi dwar l-allegazzjonijiet tagħha ta' kawża lleċita u/jew użura, u tenut kont li n-nutar li rrediga dawn l-iskritturi kkonferma l-awtentiċita' tagħhom,[7] ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa."

**L-Appell**

9. L-aggravju huwa bazat fuq tlett konsiderazzjonijiet li fis-sustanza taghhom huma dawn: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tar-rapport guridiku ezistenti bejn l-appellat u l-konvenut Emanuel Vella stante li s-self ma sarx ghall-htigijiet tan-negozju jew tal-familja tal-konvenut, izda kien sar *"for his personal use"* ; [2] li l-kreditu naxxenti minn self ta' flus jikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja skont l-Artikolu 1322 [3][f] tal-Kodici Civili, u allura kien mehtieg il-firma tal-appellanti wkoll bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti sabiex din tinsab responsabbli ma' zewgha ghad-dejn kuntrattat; [3] li ghal dan il-kaz japplika l-Artikolu 1329 [1] tal-Kodici Civili fis-sens li d-dejn mahluq bis-self kellu jithallas fl-ewwel lok mill-beni parafernali tal-konvenut Emanuel Vella bhala l-konjugi li kkuntratta d-dejn, u *in subsidium*, biss, kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.

10. Min-naha tieghu l-appellat jirribatti b'erba' konsiderazzjonijiet: [1] li r-rimedju li kellha l-appellanti ghad-dispozizzjoni taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kien dak kontemplat fl-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili, izda hi ma hadet

[7] ara depożizzjoni tan-Nutar Anthony Hili a fol. 17 – 18.

ebda azzjoni sabiex tirrexxindi tali skrittura u issa lahaq skada t-terminu perentorju ta’ tlett xhur stipulat fis-subinciz [3] tal-istess artikolu; [2] Ir-raguni wara s-self tal-flus kienet li l-konvenut, li kien jiggestixxi negozju ta’ biccerija ta’ boilers u bejgh tal-istess, sab ruhu f’diffikultajiet finanzjarji u kellu bzonn il-flus biex jkun jista’ jkompli fin-negozju, u ghalhekk, bis-sahha ta’ dak li jghid l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili huwa kellu d-dritt vestit fih li jidhol fit-tranzazzjonijiet *de quo* minkejja li dawn kienu jikkwalifikaw bhala atti ta’ amministrazzjoni straordinarja li kieku ma kienux maghmula in relazzjoni man-negozju tieghu; [4] li jirrizulta li zewgha Emanuel Vella sa minn dejjem ta l-impressjoni li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu bil-kunsens ta’ martu. Di fatti fuq l-istess skrittura [t-tieni wahda], il-konvenut l-iehor Emanuel Vella sahansitra obbliga ruhu li martu Jane Vella tiffirma fuq il-kuntratt relattiv ghal ipoteka bhala garanzija tal-hlas lura tal-imsemmija ammonti.

11. L-appellat jiccita wkoll brani minn sentenza moghtija fis-7 ta’ Marzu 2003 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kaz fl-ismijiet **Strand Marine Limited v. Simon Borg Bartolo** fejn gie osservat *inter alia* li l-fatt illi mart il-konvenut ma kienitx parti mix-xiri u ma ffirmatx il-kambjali ma jfissirx li dawk l-atti ma jiswewx, izda ifisser biss li mart il-konvenut tista’ skont l-Artikolu 1326[5] tal-Kodici Civili titlob li l-konvenut jirrejintegra l-assi tal-komunjoni, jew jaghmel tajjeb ghad-danni.

**<u>Konsiderazzjoni tal-Qorti</u>**

12. Fl-ewwel lok, jigi osservat li jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria li "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni[8] li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata *Pacta sunt servanda*." [App.Civ. **Gloria Beacom et v. L-Arkitett Anthony Spiteri Staines** deciza 5 ta' Ottubru 1998]. Meta l-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni [Art.1002] u l-interpreti ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi. Fejn is-sinifikat tal-konvenzjoni jkun car u fejn il-fatti li jkunu wasslu ghal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoggux fid-dubbju l-volonta` tal-kontraenti, mhux lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinifikat divers minn dak liberalment espress mill-kontraenti. [App. **John Zammit et v. Michael Zammit Tabona noe**. deciza 28 ta' Frar 1997; App.Civ. **Vincent Aquilina v. Caterina Micallef** [1997] - Vol.LXXXI.II.517; App.Civ. **Carmelo Grech v. Julian Zammit Tabone et noe** [1998] – Vol.LXXXII.II.1383].

13. Applikat il-premess ghall-kaz odjern, il-Qorti tosserva li, minekjja li jirrizulta mhux kontraddett li l-konvenut Emanuel Vella jiggestixxi negozju, u wkoll li dan sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji kif xehed l-appellat fl-affidavit tieghu, il-punt regolatur din il-materja huwa dak li ftehmu l-partijiet meta ffirmaw l-iskritturi *de quo*, ghax huwa f'dan il-mument li l-fuzjoni taz-zewg

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti

kunsensi holqot il-vinkolu legali. Issa, mill-iskritturi jirrizulta car u inekwivoku li, minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li seta' kellu l-konvenut f'dak iz-zmien, il-flus gew mislufa lilu *"for his own personal use",* li jfisser li l-konvenut legalment kellu l-fakulta` li uza dawk il-flus ghal skopijiet ohra mhux relatati man-negozju tieghu. Li kieku l-appellat ried jorbot lill-konvenut bil-mod kif kellu juza l-flus li kien qed isellfu, ma rrizultat ebda raguni mill-atti, li kienet tostakolah milli jghid dan espressament fl-iskritturi. Izda l-provi dokumentali juru li s-self lill-konvenut ghall-uzu personali tieghu.

14. Ghalhekk, u wkoll fin-nuqqas ta' prova li dawn il-flus fil-fatt gew uzati fin-negozju gestit mill-konvenut id-dispost tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili senjalat mill-appellat huwa inapplikabbli f'dan il-kaz.

15. Fit-tieni lok, ghandu jinghad li, kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili huwa inapplikabbli fil-kaz odjern, kemm ghax ma jikkonfigurawx l-estremi hemm indikati, kif ukoll ghax il-punt li ghandha quddiemha l-Qorti f'dan il kaz m'huwiex jekk l-att tas-self huwiex annullabbli jew ghandux jigi rexiss, izda jekk id-dejn li addossa fuqu l-konvenut meta ffirma z-zewg skritturi jifformax parti mill-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, jew inkella huwiex dejn parafernali tieghu li ghandu jbatih kollu hu. Ghall-istess raguni r-referenza maghmula mill-appellat ghad-decizjoni fl-ismijiet **Strand Marine Limited v. Simon Borg Bartolo** tezorbita mill-parametri tal-kwistjoni in ezami.

16. Ghalhekk il-materja in kwistjoni m'ghandhiex tigi ezaminata fid-dawl ta' dak li jghid l-imsemmi Artikolu 1326, izda ghandha tigi ezaminata fid-dawl tal-Artikolu 1327 tal-istess kodici li fil-paragrafi [a] sa [f] jelenka lista tad-djun li ghalihom ghandha taghmel tajjeb il-komunjoni tal-akkwisti. Ghall-finijiet tal-ezami odjern, il-paragrafi li jistghu jkunu relevanti, u li jinsabu citati mill-partijiet[9] huma l-paragrafi [b] u [c] li jaqraw hekk:

> "(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;
>
> (ċ) l-ispejjeż u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;"

17. Din il-Qorti tosserva li lanqas dawn il-paragrafi m'huma applikabbli fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, u dan ghas-segwenti ragunijiet: [1] li skont l-Artikolu 1322[3][f] is-self maghmul mill-konjugi jkkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, u allura jehtieg il-firma taz-zewg partijiet; [2] li l-proviso[10] tal-istess artikolu hija inapplikabbli ghall-kaz odjern, stante li ma jirrizultax li l-flus kienu gew mislufa, jew almenu gew impjegati, ghall-htigijiet tal-familja; [3] li lanqas ma rrizulta li l-flus kienu gew mislufa, jew almenu gew impjegati, ghall-beneficju tal-komunjoni tal-akkwisti.

---

[9] Nota tas-sottomissjoni tal-attur, u rikors tal-appell tal-appellanti

[10] Dan jaqra hekk : *"Iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul għall-ħtiġiet tal-familja skont l-Artikolu 1327(ċ), jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun għal żmien qasir;"*

18. Fil-fatt il-Qorti tosserva li, ghajr ghall-iskritturi ezebiti, f'dawn il-proceduri xehed biss, in-nutar li rrediga l-iskritturi, u l-appellat u l-appellanti li prezentaw l-affidavit taghhom. Mill-provi rrizulta li, filwaqt li d-dejn li dahal fih il-konvenut kien ghall-uzu personali tieghu, minn imkien ma jirrizulta li d-dejn sar jew intuza ghall-htigijiet tal-familja tieghu. Anzi l-provi juru li l-appellanti ma kienet taf b'xejn bis-self li sar, tant li meta bdiet tircievi l-ittri legali minghand l-appellat *"jiena bqajt imnixxfa u hadta bi kbira hafna."*[11] Min-naha tieghu l-konvenut ma xehedx, u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, u tenut kont li rrizulta car li l-konvenut issellef il-flus ghall-uzu personali tieghu, id-dejn ghandu jitqies bhala wiehed personali ghalih u bl-ebda mod ma jista' jinghad li jifforma parti mill-passiv tal-komunjoni.

19. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta din waslet ghall-konkluzjoni li l-kreditu ta' self tal-appellat ghandha taghmel tajjeb ghalih l-appellanti wkoll bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti, ghax id-dejn de quo huwa dejn personali ghall-konvenut biss u huwa applikabbli l-Artikolu 1329[1] tal-Kodici Civili indikat mill-appellanti[12].

20. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li dak sottomess mill-appellat u cioe` li l-konvenut dejjem ta l-impressjoni li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu bil-kunsens ta' martu, tant li din kienet issemmiet fit-tieni skrittura, anke jekk dan kien minnu, dan ma jbiddel xejn mill-pozizzjoni legali tal-konvenut kif

[11] Fol. 26
[12] Ara. App. S Joseph Grech v. Mary Debattista, 6 Ottubru 2000 [Vol.LXXXIV.II.486]

arginata bit-termini tal-iskritturi li ffirma, u dak li haseb jew seta' haseb l-appellat huwa rrelevanti fir-rigward, ghax dak li jghodd huwa l-volonta` tieghu kif espressa fil-konvenzjoni. In kwantu ghall-ahhar klawsola[13] kontenuta fit-tieni skrittura, il-Qorti tosserva li permezz ta' dik il-klawsola l-konvenut obbliga ruhu biss li, fil-kaz ta' inadempjenza da parti tieghu, huwa jaghti lill-appellat garanzija akbar billi hu flimkien ma' martu jipotekaw il-proprjeta` taghhom. Din il-weghda da parti tal-konvenut li, fil-kaz li javveraw ruhhom certu cirkostanzi, huwa jaghti garanzija ulterjuri ghall-osservanza tal-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti mill-iskritturi, ma jbiddel xejn mill-fatt li hu kien ikkuntratta d-dejn ghall-uzu personali tieghu.

21. Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellanti huwa fondat u jimmerita li jigi milqugh.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-konvenuta Jane Vella, u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn iddikjarat li anke din il-konvenuta hi debitrici tal-attur u kkundannatha flimkien ma' zewgha biex thallas is-somma fuq indikata flimkien mal-imghaxijiet; tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, salv ghal dak li ser jigi deciz fil-kap tal-ispejjez.

[13] Supra

L-ispejjez tal-ewwel istanza relatati mal-konvenuta Jane Vella jkunu a kariku tal-attur, filwaqt li l-ispejjez tal-appell ikunu kollha a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------